# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **187/2023 (AD)**

## TIMOTHY JOE FORACE

**VS**

## L-AVUKAT TAL-ISTAT
## L-AVUKAT ĠENERALI

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tnax (12) t'April 2024**

**Il-Qorti**:

1. Dan hija sentenza dwar in-nuqqas ta' dritt t'appell minn proċeduri intavolati ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, meqjusa fid-dawl tal-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-Ewwel Artikolu tal-Protokoll Tnax tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat ħdax (11) t'April 2023, ir-rikorrent **<u>Timothy Joe Forace</u>** ppremetta:

   a. *Illi l-esponent tressaq il-Qorti akkużat talli matul ix-xahar ta' Novembru 2017 u fil-ġranet li jiġu immedjatament qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:*

      i. *Wettaq frodi b'egħmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqas tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalih jew għal persuni oħra, b'valur li jeċċedi l-ħamest elef Ewro (€5,000) għad-dannu ta' K & Co Ltd u HSBC Bank Malta plc fost l-oħrajn;*

      ii. *Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qliegħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000);*

      iii. *U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'atti awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew ħelsien minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;*

      iv. *Aktar talli, fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;*

*v. U aktar talli wettaq serqa ta' ċekkijiet, liema serq hu kwalifikat bil-persuna;*

*vi. U b'hekk irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;*

*b. Illi permezz ta' sentenza tat-12 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Timothy Joe Forace mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr Francesco Depasquale sabitu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu piena karċerarja ta' 3 snin u nofs;*

*c. Illi l-esponent appella minn din is-sentenza u permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor Imħallef Aaron Bugeja tat-30 ta' Settembru 2021 din is-sentenza ġiet varjata fis-sens illi minflok priġunerija l-esponent ingħata mitt (100) siegħa xogħol / servizz fil-komunita' li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol / servizz għandu jsir taħt is-sorveljana ta' Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' taħt dawn il-kundizzjonijiet:*

*i. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita', jirrapporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni;*

*ii. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jirrapporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-*

*istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita';*

iii. *Li jwettaq b'mod sodisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita' f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;*

iv. *L-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;*

v. *Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita';*

vi. *Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita';*

vii. *Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita';*

d. *Illi sussegwentement saret denunzja fil-konfront tal-esponent b'allegazzjoni illi ma kienx qiegħed jaderixxi ruħu mal-kundizzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali u permezz ta' sentenza tal-istess Qorti tal-14 ta' Marzu 2023 ħassret l-Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin u l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u minflok tikkundanna lill-esponent għal perjodu ta' tliet snin priġunerija;*

e. *Illi l-esponent qiegħed jilmenta mill-fatt illi din is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2023, ladarba mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ma*

*kienitx suġġetta għad-dritt ta' doppju eżami peress illi l-esponent ma jistax jintavola appell minn dik is-sentenza. Pero li kieku l-istess sentenza, ossia dik li titratta allegat ksur ta' probation, ingħatat minn Qorti li mhix il-Qorti tal-Appelli Kriminali l-esponent kien ikun jista' jappella minn dik is-sentenza;*

f. *Illi kif intqal fis-sentenza* ***Case of Paraskeva Todorova v. Bulgaria*** *intqal hekk:*

*"36. Article 14 prohibits any unjustified difference in the enjoyment of rights and freedoms guaranteed by the Convention based on any of the criteria enumerated in a non-exhaustive manner by this Article, including the ethnicity or race of the concerned party. The Court has already had the opportunity to rule on the question of under what conditions the motivation behind a court's decision infringes upon the combined provisions of Articles 14 and 6 § 1 of the Convention. In particular, it considered that when the argument of a domestic court's judgement introduces a difference in treatment exclusively based on one of the criteria enumerated in Article 14, the State is under an obligation to justify that difference in treatment. In the absence of such a justification, Articles 14 and 6 § 1 of the Convention are considered to be violated (Schuler-Zgraggen v. Switzerland, 24 June 1993, § 67, Series A No. 263; Moldovan v. Roumania (No. 2), nos. 41138/98 and 64320/01, §§ 139 and 140, ECHR 2005-VII (extracts))."*

g. *Illi in oltre ssir referenza wkoll għas-sentenza* ***Case of Clift v. The United Kingdom*** *fejn ġie dikjarat li kien hemm leżjoni fejn saret differenza ai fini ta' għotja ta' parole bejn priġunieri skont it-terminu ta' priġunerija huwa leżiv.*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara illi l-esponent ma kellux dritt tad-doppju eżami, osia dritt ta' appell, mis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali datata 14 ta' Marzu 2023 fejn din ħassret l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' mogħtija fil-konfront tal-esponent u minflok ikkundannatu għal perjodu ta' tliet snin priġunerija jilledi d-dritt ta' projbizzjoni mid-diskriminazzjoni kif sanċiti fl-artikolu 6 meħuda flimkien ma' l-artikolu 14 u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

ii. *Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fosthom illi tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali datata 14 ta' Marzu 2023 u konsegwentement tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex jiġi determinat minn dik il-Qorti jekk kienx hemm ksur tal-kundizzjonijiet mogħtija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali per Onor Imħallef Aaron Bugeja tat-30 ta' Settembru 2021.*

*Bl-ispejjeż;*

4. B'digriet mogħti nhar l-għoxrin (20) t'April 2023, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ġimgħa, tnejn (2) ta' Ġunju 2023;

5. Permezz ta' risposta konġuntiva datata sittax (16) ta' Mejju 2023, l-**Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** eċċepew:

a. *Illi in linea preliminari, l-esponent Avukat Ġenerali m'hijiex il-leġittimu kuntradittur sabiex twieġeb għall-ilment kif impustat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu, u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

b. *Illi preliminarjament ukoll jiġi umilment eċċepit illi t-talbiet tar-rikorrent ma jindikawx liema artikoli tal-liġi huwa qiegħed jallega li jilledulu d-*

*drittijiet fundamentali tiegħu. In vista ta' dan, l-esponenti jirriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri f'każ illi r-rikorrent jiċċara dan;*

c. *Illi in linea preliminari ukoll, jiġi umilment sottomess illi r-rikorrent lanqas biss jispjega kif fl-opinjoni tiegħu hemm leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. In vista ta' dan, l-esponenti jirriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri f'każ illi r-rikorrent jiċċara dan;*

d. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

e. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat illi l-Artikolu 1 tal-Protokoll Numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ma ġiex implimentat fil-Liġi Maltija (u cioe fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk ma jistax jiġi invokat mir-rikorrent stante li m'huwiex esegwibbli bħala parti mil-Liġi ta' Malta. Għalhekk kwalunkwe talba ibbażata fuq dan l-artikolu ma tistax tintlaqa';*

f. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi umilment sottomess illi ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' doppju eżami u għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

g. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ odjern ċertament m'hemmx diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Sabiex ir-rikorrent ikun jista' jallega li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu ai termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, jeħtieġ li jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' "like with like" u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju. "The Court has established in its case-law that in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the*

*treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations.” Huwa manifest li kull persuna oħra li tinsab jew tista’ tinsab fil-pożizzjoni tar-rikorrent ma tistax tappella minn digriet bħal dak tal-14 ta’ Marzu 2023. Lanqas l-Avukat Ġenerali ma tista tintavola appell. Għalhekk, ir-rikorrent ma jistax jargumenta li huwa ġie b’xi mod żvantaġġat meta mqabbel ma’ ħaddieħor għaliex dak li ħaddieħor ġie u qiegħed jiġi trattat eżattament bħalu. Dan japplika ukoll għall-Artikolu 1 tal-Protokoll Numru 12 tal-Konvenzjoni;*

h. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, m’huwiex minnu li “... kieku l-istess sentenza, ossia dik li titratta allegat ksur ta’ probation, ingħatat minn Qorti li mhix il-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali, l-esponent kien ikun jista’ jappella minn dik is-sentenza” kif jallega r-rikorrent, u dan kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri. Fi kwalsiasi każ, xorta waħda ma hemmx diskriminazzjoni fil-każ odjern stante li r-rikorrent irid jikkumpara ma’ individwi li qegħdin fl-istess pożizzjoni tiegħu u cioe individwi li fil-konfront tagħhom ingħata digriet dwar ksur ta’ kundizzjonijiet ta’ probation mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** u mhux minn Qorti oħra;*

i. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma jistgħux jikkomprendu kif ir-rikorrent jista’ jallega li huwa kellu jkollu d-dritt li jappella d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta’ Marzu 2023. Tajjeb jingħad li r-rikorrent instab ħati ta’ reati relatati ma’ frodi permezz ta’ sentenza tat-12 ta’ Novembru 2017 wara ammissjoni da parti tiegħu. Huwa ġie ikkundannat għal piena ta’ priġunerija għal tlett (3) snin u nofs mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni u permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 30 ta’ Settembru 2021, dik il-Qorti laqgħet l-appell tiegħu in parte, ikkonfermat il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lir-rikorrent ħati tal-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet, varjat is-sentenza fejn sabet ħtija fir-rigward it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-ħames imputazzjonijiet billi filwaqt li ikkonfermat il-ħtija tar-rikorrent fir-rgward dawn l-*

*imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u għall-fini ta' piena qieset li dawn għandhom jiġu meqjusa bħala mezz għall-fini tal-kommossjoni tal-ewwel imputazzjoni. L-istess Qorti ħassret u rrevokat il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lir-rikorrent għal tlett snin u nofs priġunerija u minflok poġġiet lir-rikorrent taħt ordni ta' probation u servizz fil-komunita' taħt il-kundizzjonijiet kif elenkati fl-istess sentenza;*

j. *Illi permezz tad-digriet tal-14 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali ħassret l-ordni ta' probation u l-ordni ta' servizz fil-komunita' u ikkundannat lil Timothy Joe Forace għal tliet snin priġunerija. Tajjeb jingħad li dan għamlitu wara li l-uffiċjal tal-probation kien, kemm permezz ta' rapport kif ukoll tramite rikros, informa lill-Qorti li r-rikorrent ma kienx qiegħed jattendi għall-appuntamenti, kien għadu qed jabbuża mid-droga kokaina u ma segwiex il-pjan ta' kura li huwa kien qed jiġi offrut. Il-Qorti tal-Appell Kriminali appuntat ir-rikors tal-uffiċjal tal-probation għas-smigħ, u meta deher ir-rikorrent (wara li naqas milli jidher għal numru ta' seduti), il-Qorti tal-Appell Kriminali reġgħet tatu ċans ieħor sabiex jimxi mal-ordnijiet tal-Uffiċjal tal-Probation. Fis-seduta ta' wara, l-uffiċjal tal-probation informa lill-Qorti li r-rikorrent reġa' ma segwiex l-istruzzjonijiet tal-uffiċjal tal-probation. Illi f'dak l-istadju l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellhiex triq oħra x'tieħu ħlief li tħassar l-ordni ta' probation u l-ordni ta' servizz fil-komunita' u ssib lil Timothy Joe Forace ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, b'dan pero li b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u għall-fini ta' piena t-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet ġew meqjusa bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement ikkundannatu għal perjodu ta' tliet snin priġunerija daqs li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati quddiemha;*

k. *Illi jrid jingħad ukoll illi l-għoti ta' ordni ta' probation u servizz fil-komunita' mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif joħroġ ċar mill-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, hija diskrezzjoni tal-Qorti. Huwa ingħata din l-ordni għaliex il-Qorti tal-Appell ħasset li kellha tagħtih l-opportunita' li*

*jirriabilita ruħu għalkemm kien instab ħati tar-reati miġjuba kontrih. Nonostante din l-opportunita', ir-rikorrent kiser din l-ordni u anki wara li ingħata ċans ieħor mill-istess Qorti tal-Appell, xorta waħda ma ottemporax ruħu mal-istruzzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation. Ma jistax jiġi issa, wara li ingħata ħafna opportunitajiet li jirriabilita ruħu, u jipprova juża din il-Qorti bħala Qorti tat-tielet istanza;*

l. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba tar-rikorrent ċertament ma tistax tintlaqa' stante li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma tistax tiddetermina hi jekk kienx hemm ksur ta' kundizzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u cioe minn Qorti Superjuri;*

m. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja u r-rikorrent għandu jerfa' r-responsabbilta' għal dan, inkluż li jiġi żvestit mid-dritt li jappella d-deċiżjoni eventwali mogħtija fil-kawża odjerna u dan kif elenkat fl-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni;*

n. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Timothy Joe Forace datat ħdax (11) t'April 2023;

7. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali għar-rikors Kostituzzjonali, datata sittax (16) ta' Mejju 2023;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Marika Mifsud**, Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Lulju 2023[1], u rat iż-żewġ dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok MM1** a fol 22 *et seq* tal-proċess, u **Dok MM2** a fol 28 *et seq* tal-proċess;

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata tmintax (18) ta' Diċembru 2023 (a fol 422 *et seq* tal-proċess);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet konġuntiva tal-intimati, datata tnejn ta' Frar 2024 (a fol 434 *et seq* tal-proċess);

11. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

13. Jirriżulta mill-atti illi dak illi wassal għall-kawża odjerna kienu s-segwenti fatti:

- B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 12 ta' Novembru 2017[2], ir-rikorrent ġie kundannat għal piena karċerarja ta' 3 snin u nofs, wara illi ammetta għal sensiela ta' akkużi illi ġew elenkati mir-rikorrent stess fir-rikors promotur tal-kawża odjerna u illi din il-Qorti mhix sejra terġa' tirriproduċi hawnhekk a skans ta' repetizzjoni inutili;

- Ir-rikorrent appella mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u b'sentenza tat-tletin (30) ta' Settembru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali varjat is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti billi biddlet is-sentenza ta' priġunerija effettiva għal Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin, u Ordni ta'

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 20-21 tal-proċess
[2] A fol 54 *et seq* tal-proċess

Servizz fil-Komunita' għal mitt siegħa[3]. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret b'mod ċar dak illi dawn l-Ordnijiet kienu jfissru u jirrikjedu (a fol 248 *et seq* tal-proċess);

- Mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti datat erbgħa (4) ta' Marzu 2022, irriżulta lill-Qorti tal-Appell Kriminali illi r-rikorrent ma kienx attenda għal aktar minn nofs l-appuntamenti illi kellu miegħu, kien instab posittiv għad-droga kokaina, u ma kellux impjieg regolarizzat[4]. Sussegwentement, b'rikors datat tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju 2022 intavolat ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Uffiċjal tal-Probation informa lill-Qorti illi r-rikorrent ma kienx qiegħed iżomm kuntatt miegħu u ma kienx qiegħed isegwi l-gwida u l-pjan ta' kura li kien qed jiġi offrut[5];

- Waqt seduta illi nżammet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ħmistax (15) ta' Diċembru 2022, il-Qorti, *"wara li semgħet ix-xhieda tal-uffiċjal tal-Probation u wara li spjegat lill-probationee fi ftit kliem is-sustanza tax-xhieda u l-konsegwenzi li jitnisslu mill-fatt li ma jimxix mal-ordni tal-Uffiċjal tal-Probation, il-Qorti tiddiferixxi dan ir-rikors għas-16 ta' Frar għall-informazzjoni ulterjuri tal-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti"*[6];

- Mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti datat sebgħa (7) ta' Marzu 2023[7], irriżulta lil din il-Qorti illi r-rikorrent baqa ma jattendix għall-appuntamenti miegħu, qata' kuntatt miegħu, irriżulta pożittiv għad-droga kokaina diversi drabi, u naqas milli jattendi għall-appuntamenti mal-Caritas, b'dana illi kien qiegħed jirrifjuta illi jsegwi l-pjan ta' kura mfassal lilu;

[3] A fol 326 tal-proċess
[4] A fol 344-345 tal-proċess
[5] A fol 346 tal-proċess
[6] A fol 369 tal-proċess
[7] A fol 372-373 tal-proċess

- B’sentenza tal-erbatax (14) ta’ Marzu 2023[8], il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet kif isegwi: *“[W]ara li din il-Qorti qieset li FORACE kiser diversi kundizzjonijiet ewlenin imsemmija fl-Ordni tal-Probation imposta fuqu, wara li rat, u a tenur tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, qegħda titratta ma Timothy Joe FORACE daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati quddiemha u għalhekk filwaqt li tħassar l-Ordni ta’ Probation għal perjodu ta’ tliet snin u l-Ordni ta’ Servizz fil-Komunita fejn qiegħdet ukoll lill-ħati taħt ordni ta’ servizz fil-komunita’ bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f’dak il-post u b’dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 183, 184, 261, 268, 281, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali ssib lil Timothjy Joe FORACE appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu b’dan pero li b’applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u għall-fini ta’ piena t-tieni, it-tielet, ir-raba’, u l-ħames imputazzjonijiet għandhom jiġu meqjusa bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tikkundanna lil Timothy Joe FORACE għal perjodu ta’ tliet snin priġunerija.”*

14. Affaċċjat b’din is-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu, ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni, illi permezz tagħhom huwa qiegħed jilmenta illi l-fatt illi ma jistax jiġi intavolat appell min din id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa leżiv għad-drittijiet tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 6 u 14, u mill-Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi jilledi d-dritt ta’ projbizzjoni mid-diskriminazzjoni. Ir-rikorrent qed jikkontendi illi li kieku d-deċiżjoni ngħatat minn Qorti oħra, u cioe Qorti tal-Maġistrati, Qorti tal-Minorenni, jew Qorti Kriminali, kien ikun hemm dritt t’appell minn deċiżjoni bħal dik li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tar-rikorrent; iżda l-fatt illi ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien ifisser illi r-rikorrent ma kellu l-ebda dritt t’appell, u għalhekk kien qed jiġi diskriminat.

[8] A fol 381 tal-proċess

A. *Leġittimu Kontradittur*

15. Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tindirizza l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali illi hija m'hijiex il-leġittimu kontradittur sabiex twieġeb għall-ilment tar-rikorrent, fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

16. L-Artikolu 181B tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *[...]*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*
>
> *[...]*

17. Fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob illi, f'każ illi l-kawża odjerna jkollha eżitu favorevoli għalih, titħassar, tiġi revokata u kanċellata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 13 ta' Marzu 2023 u l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;.

18. Filwaqt illi l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern in kwantu qiegħda tiġi attakkata l-liġi, l-Avukat Ġenerali hija l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali illi ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent, liema proċeduri r-rikorrent qiegħed jitlob illi jerġgħu jinfetħu mill-ġdid;

19. Għaldaqstant, din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Ġenerali in kwantu teċċepixxi illi mhix leġittima kontradittriċi, stante illi d-deċiżjoni tal-Qorti fil-

kawża odjerna mhix waħda illi tista' taffettwa biss il-liġijiet in vigore, iżda waħda illi tista' taffetwa saħansitra anke l-proċeduri kriminali illi mexxiet l-Avukat Ġenerali bħala Uffiċjal Prosekutur fil-konfront tar-rikorrent;

20. Din il-Qorti għalhekk tqis illi, bħala parti illi tista' tiġi affettwata b'mod dirett bid-deċiżjoni illi tingħata minn din il-Qorti fil-proċeduri odjerni, l-Avukat Ġenerali kellha wkoll tingħata l-opportunita' li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet rikorrenti u li tressaq il-provi kollha tagħha in sostenn tal-istess, kif fil-fatt ingħatat;

21. Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-eċċezzjoni sollevata fl-ewwel paragrafu tar-risposta tal-intimati.

B. *L-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea*

22. L-Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid:

> *1. The enjoyment of any right set forth by law shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, properrty, birth or other status.*
>
> *2. No one shall be discriminated against by any public authority on any ground such as those mentioned in paragraph 1.*

23. Dwar il-Protokoll 12 formanti parti mill-Konvenzjoni Ewropea, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mark Formosa vs L-Avukat Ġenerali***[9]:

> *31. [...] Għalkemm huwa minnu li l-Istat Malti rratifika t-Tnax-il Protokoll, xorta waħda dan l-Protokoll ma jistax*

[9] Rik Kostit Nr 47/2019/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023

*jingħata effett minn din il-Qorti ladarba ma jifformax parti mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel l-ebda referenza għal dan il-Protokoll fid-definizzjonijiet mogħtija għat-termini "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" u "Konvenzjoni":*

*"Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda;*

*"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950 u l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet, ir-Raba', l-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Protokolli li hemm magħha ffirmati f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952, u fi Strasbourg fis-6 ta' Mejju 1963, 6 ta' Mejju 1963, 16 ta' Settembru 1963, 20 ta' Jannar 1966, 18 ta' April 1983 u 22 ta' Novembru 1984, rispettivament;"*

*32. Għalhekk huwa ċar li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw ilmenti bbażati fuq it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea [...].*

24. Din il-Qorti taqbel mal-insenjament mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali u sejra tadottah *in toto* u tagħmlu tagħha;

25. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tilqa'</u>** l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati fil-ħames paragrafu tar-risposta tagħhom għar-rikors Kostituzzjonali, u **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent in

kwantu jilmenta minn leżjoni tad-drittijet fondamentali tiegħu sanċiti bl-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

C. *Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea*

26. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid kif isegwi:

> *1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma*

*jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

27. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 14 jistabbilixxi illi:

*It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f' din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor.*

28. L-Artikolu 14 ma jistax jinqara in iżolament, iżda għandu jinqara fid-dawl tad-drittijiet l-oħra fil-Konvenzjoni. Jgħid infatti l-***Guide on Article 14 of the European Convention on Human Rights***[10]:

*3. The Court has frequently underlined that Article 14 merely complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols (Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 123; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47; Marckx v. Belgium, 1979, § 32). This means that Article 14 does not prohibit discrimination as such, but*

[10] <https://www.echr.coe.int/documents/d/echr/Guide_Art_14_Art_1_Protocol_12_ENG#:~:text=%E2%80%9CThe%20enjoyment%20of%20the%20rights,%2C%20birth%20or%20other%20status.%E2%80%9D> Verżjoni tal-31 t'Awwissu 2022

*only discrimination in the enjoyment of the "rights and freedoms set forth in the Convention". In other words, the guarantee provided by Article 14 has no independent existence (Case "relating to certain aspects of the laws on the use of languages in education in Belgium" v. Belgium (merits) ("the Belgian linguistic case"), 1968, § 9 of "the Law" part; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47) and this Article forms an integral part of each of the Articles laying down rights and freedoms (the Belgian linguistic case, 1968, § 9 of "the Law" part; Marckx v. Belgium, 1979, § 32; Inze v. Austria, 1987, § 36). In practice the Court always examines Article 14 in conjunction with another substantive provision of the Convention.*

29. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frette v. France***[11], il-Qorti Ewropea qalet:

*31. The Court has repeatedly held that Article 14 of the Convention is pertinent if "the subject-matter of the disadvantage ... constitutes one of the modalities of the exercise of a right guaranteed ..." (see National Union of Belgian Police v. Belgium, judgment of 27 October 1975, Series A no. 19, p. 20, § 45), or the contested measures are "linked to the exercise of a right guaranteed ..." (see Schmidt and Dahlström v. Sweden, judgment of 6 February 1976, Series A no. 21, p. 17, § 39). For Article 14 to be applicable, it is enough for the facts of the case to fall within the ambit of one or more of the provisions of the Convention (see Thlimmenos, cited above, and Inze v. Austria, judgment of 28 October 1987, Series A no. 126, p. 17, § 36).*

[11] Appl Nr 36515/97, 26 ta' Frar 2002

Fil-każ odjern, dak illi qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent huwa n-nuqqas ta' dritt t'appell fi proċeduri intavolati ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u dan b'kuntrast għall-fatt illi hemm dritt t'appell minn proċeduri intavolati ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem Qorti oħra. Madanakollu, **Harris, O'Boyle u Warbrick**, fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention of Human Rights***, jispjegaw:

> *Article 6(1) does not guarantee a right of appeal from a decision by a court complying with Article 6 in either criminal or non-criminal cases. If, however, a state in its discretion provides a right of appeal, proceedings before the appellate court are governed by Article 6(1). The extent to which Article 6(1) applies to appeal proceedings, however, depends upon the nature of the particular proceedings, including the function of the appeal court and the relationship of proceedings before it with those earlier in the case. For example, the requirement of a public hearing may not apply fully where the court hears an appeal on points of law only and where a public hearing has taken place on the merits in the trial court.*[12]

Għaldaqstant huwa evidenti illi, skont l-Artikolu 6, gialadarba d-dritt għal smigħ xieraq ma jkunx ġie leż fil-proċeduri meta meqjusa fl-assjem tagħhom, il-fatt illi ma jkunx hemm dritt t'appell ma jirrendix il-proċeduri leżivi għad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Tajjeb jingħad illi r-rikorrent mhux qiegħed hawnhekk jilmenta illi ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fil-proċeduri illi wasslu għad-deċiżjoni tal-erbatax (14) ta' Marzu 2023, iżda qed jilmenta biss mill-fatt illi ma jistax jiġi intavolat appell minnha;

---

[12] Harris, O'Boyle & Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (OUP, 2nd Edn, 2009) p 298

30. Minn hawn isegwi, għalhekk, illi <u>la huwa applikabbli għall-każ odjern l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>, stante illi l-Artikolu 6 ma jiggarantixxix il-possibilita' ta' appell minn proċeduri illi jkunu saru in ottemporanza mad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, u, konsegwentement, fil-mankanza tiegħu, <u>lanqas huwa applikabbli l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>, liema Artikolu japplika biss meta meqjus fid-dawl ta' xi dritt fundamentali ieħor fit-termini tal-Konvenzjoni Ewropea;

31. In oltre, imbagħad, mingħajr preġudizzju għall-premess, anke li kieku kellu wieħed jattenta japplika l-Artikolu 14 għall-każ odjern, **Harris, O'Boyle u Warbrick** jgħidu:

> *Article 14 contains a long, and apparently non-exhaustive, list of characteristics which might render differential treatment discriminatory, so identifying the 'badge' on the basis of which the differential treatment is made is not usually a problem. Furthermore, these identified 'badges' are supplemented by an open-ended 'other status' category, which has been held to include sexual orientation, marital status, illegitimacy, status as a trade union, military status, conscientious objection, professional status, and imprisonment.*
>
> *[...]*
>
> *The Court has reiterated that Article 14 'is not concerned with all differences of treatment but only with differences having as their basis or reason a personal characteristic by which persons or group of persons are distinguishable from each other'. So it may be argued that the term 'other status' should restrict the application of Article 14 as the*

*specific grounds listed all relate to some sort of 'personal characteristic' of a potential victim.*[13]

32. Huwa ċarissimu illi dik illi qiegħed jilmenta minnha r-rikorrent mhix diskriminazzjoni abbinata ma' *'personal characteristic'* tiegħu, iżda ma' regola proċedurali illi tapplika għal persuni oħra kollha fl-istess sitwazzjoni tiegħu indiskriminatament, cioe bi proċeduri ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta intavolati quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Għaldaqstant, anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, kellu japplika l-Artikolu 14 għall-każ in eżami, xorta waħda din il-Qorti ma setgħetx issib leżjoni tad-dritt fundamentali illi jipproteġi lil persuna minn diskriminazzjoni, stante illi huwa evidenti illi mhux qiegħed jiġi eżerċitat vis-a-vis r-rikorrent *"any unjustified difference in the enjoyment of rights and freedoms guaranteed by the Convention based on any of the criteria enumerated in a non-exhasutive manner by this Article"* (***Paraskeva Todorova v. Bulgaria***[14]);

33. Qabel tagħlaq, din il-Qorti tirrileva illi qajla tista' tifhem kif ir-rikorrent kellu l-kuraġġ jallega illi ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, meta l-Qrati nostrana għal darba, tnejn, tlieta raw kif għamlu biex jagħtuh ċans wara l-ieħor bit-tama illi jibdel ħajtu. Din il-Qorti rat kif il-Qorti tal-Appell Kriminali biddlet is-sentenza tiegħu minn piena karċerarja għal Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunita', tatu Uffiċjal tal-Probation, ħadet il-ħin tispjegalu dak illi kien mistenni minnu u gwidatu biex jibda jieħu l-kura, iżda huwa m'għarafx jusufruwixxi ruħu mil-*life-line* illi tatu l-Qorti tal-Appell Kriminali. Ġew intavolati l-proċeduri ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 446 u l-Qorti tal-Appell Kriminali xorta waħda ma qatgħetx qalbha minnu, iżda tatu opportunita' oħra u poġġietlu l-għodda kollha għad-disposizzjoni tiegħu sabiex jibda ħajja tajba 'l bogħod mill-vizzji. Dan, iżda, kien kollu ta' xejn, stante illi r-rikorrent iddipartixxa mill-opportunitajiet mogħtija lilu mill-Qorti tal-Appell Kriminali u m'għamel l-ebda impenn sabiex jibbenefika minnhom. Tul il-proċeduri kollha penali miġjuba fil-konfront tiegħu, ir-

[13] Harris, O'Boyle & Warbrick, op cit, pp 584-585
[14] Appl Nr 37193/07, 25 ta' Ġunju 2010

rikorrent kellu x-xorti tajba illi ggwadanja mid-dritt t'appell meta ġiet varjata l-piena illi huwa ġie kkundannat biha quddiem l-Ewwel Qorti, iżda seta' ggwadanja ferm aktar li kieku kkopera mal-Qorti tal-Appell Kriminali u usufruwixxa ruħu b'mod posittiv mill-istess varjazzjoni. Dan, iżda, ma għamlux, u, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sitwazzjoni illi qiegħed fiha r-rikorrent illum hija unikament u assolutament tort tar-riluttanza tiegħu sabiex jgħin lilu nnifsu. Din il-Qorti tittama biss illi r-rikorrent jagħraf jitgħallem mill-iżbalji tiegħu;

34. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma ssibx leżjoni tal-Artikoli 6 u 14 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement sejra tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

**Decide**

35. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni sollevati mill-konvenuti;

ii. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti in kwantu mhux kompatibbli ma' din is-sentenza;

iii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent Timothy Joe Forace.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Amanda Zerafa**
**Deputat Reġistratur**